MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 22/1997

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**John Borg**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta’ Gunju 2000 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

**"Il-Qorti,**

**Semghet il-verdett tal-gurati moghti l-bierah li bih, b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lil John Borg hati skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza, kif ukoll bl-istess vot (cioe` seba' favor u tnejn kontra) sabuh hati skond it-tieni kap ta' l-istess Att ta' Akkuza;**

**Tosserva li f'dan il-kaz il-fatt li jammonta ghar-reat fl-ewwel kap u li tieghu nstab hati l-imsemmi Borg huwa l-istess fatt li jikkostitwixxi l-aggravju ta' vjolenza fir-rigward tat-tentattiv ta' serq fit-tieni kap, u li ghalhekk hemm lok ta' dikjarazzjoni ta' htija fir-rigward biss tat-tieni kap;**

**Tiddikjara lill-imsemmi John Borg hati ta' tentattiv ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza konsistenti f'omicidju volontarju, mezz, lok u valur, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar l-ewwel kap;**

**Semghet lill-avukati Dott. Emanuel Mallia u Dott.sa Giannella Caruana Curran ghall-hati kemm fl-udjenza tal-bierah kif ukoll f'dik tal-lum; semghet ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni'**

**Semghet fl-udjenza tal-lum lit-tabib Dott. Lino Gauci Borda, lil Patri Marcellino Scicluna, O.Carm., u lil Mario Borda dwar il-piena;**

**Tosserva in partikolari li l-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-vot tal-gurati ma jkunx unanimu;**

**Tosserva wkoll li fit-tieni kap tal-Att ta' Akkuza l-Avukat generali, ghalkemm iccita l-Artikolu 272 tal-Kap. 9, ma talabx il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor**

**izda piena minn minimu ta’ seba’ snin prigunerija sa massimu ta’ ghoxrin sena bir-rekluzjoni;**

**Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;**

**Rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 272, 329, 492, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali;**

**Tikkundanna lil John Borg ghall-piena ta’ erbatax (14) il-sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz; tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur is-somma ta’ elf mitejn u tlieta u tmenin lira, u disgha u disghin centezmu (Lm1283.99,0) spejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien sitt xhur millum.”**

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fit-12 ta’ Lulju 2000 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant, skond ir-rikors ta' appell tieghu, huma li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett.

Din il-Qorti sejra tittratta l-ewwel it-talba ta’ l-appellant sabiex din il-Qorti tappunta odontologu jew odontologi sabiex janalizzaw l-opinjoni tal-Professur Hector Galea fl-isfond vera ta’ din ix-xjenza u tal-incertezzi u inkompletezza li tezisti fl-istess xjenza. Jghid illi l-Professur Galea stess stqarr li mhuwiex odontologu u l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jesigi illi r-raguni ghall-hatra ta’ espert hija l-hila u s-sengha specjali tieghu. Il-

vittma kien gie ezaminat minn Dr. Mario Scerri li mill-ewwel ikkonkluda li l-mewt ta' Balzan kienet wahda doluza. Ezamina driegh l-appellant u dehrlu li xi daqqiet li kellu kienu daqqiet ta' snien u ghalhekk talab lill-Magistrat li jappunta lill-Professur Galea. Il-Professur Galea ghamel diversi *casts* u kkonkluda li dawk kienu derivanti mis-sinna ta' Balzan. Ghajr ghal sinna wahda (it-tieni premolari fuq ix-xellug ta' isfel) Balzan kellu snien foloz. L-appellant jirreferi ghal dik il-parti tar-relazzjoni tal-Professur Galea fejn jghid li gie kkonsultat minn Dr. Mario Scerri li "xtaq jikkonferma li l-ferita giet ikkawzata minn gidma" u li "l-iskopijiet ta' l-istharrig tieghi kienu ghalhekk li nipprova li l-ferita fid-driegh Borg, giet ikkawzata minn halq ta' bniedem u naghmel konnessjoni bejn il-ferita u l-halq il-mejjet Balzan". Dan iwassal lill-appellant biex jilmenta li dan juri li l-Professur Galea kien tqabbad indirettament minn Dr. Scerri, li zamm u ghamel *casts* u wasal ghall-konkluzjoni tieghu minghajr ma effettivament wera kif il-*cast* tal-gerha hija ezatta bhall-*cast* tas-sinna, u li l-espert mhux hemm biex jipprova dak li xtaq jikkonferma Dr. Scerri, imma biex jara u jezamina l-prova u jghid x'irrizultalu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ma hija haga xejn insolita li espert li jkun wasal ghal certi konkluzjoni jew fehma jkun jixtieq li dik il-fehma tigi msahha mill-fehma ta' espert iehor f'branka aktar specjalizzata. Jigifieri jekk Dr. Mario Scerri dehrlu li ferita li kellu fuqu l-appellant kienet maghmula minn gidma, ma kien hemm assolutament xejn hazin li huwa "xtaq jikkonferma" dan. Dan il-fatt certament ma jfissirx li kien qieghed b'xi mod jimponi l-fehma tieghu fuq il-Professur Galea. Huwa minnu li fir-relazzjoni tieghu l-Professur Galea jghid li "[l]-iskopijiet ta' l-istharrig tieghi kienu ghalhekk li nipprova li: 1. il-ferita fi driegh Borg giet ikkawzata minn halq ta' bniedem; 2. naghmel konnessjoni bejn il-ferita u halq il-mejjet Balzan; 3. naghmel konnessjoni bejn id-dentaturi misjuba u halq il-mejjet." L-impostatura forsi mhijiex wisq felici, u dan ma sfuggiex lill-prosekutur li, fil-bidu ta' l-ezami tieghu lill-Professur Galea ghamillu s-segwenti mistoqsijiet:

"Pros: … pero` meta qed tghid fir-rapport tieghek li 'tipprova', jigifieri li inti tfittex hux hekk?
Xhud: Li nfittex.
Pros: Li tfittex, ghax inti ma kontx taf ghadek x'sa ssib?
Xhud: Kont ghadni ma nafx x'sa nsib e."

Mix-xoghol li ghamel il-Professur Galea, kif minnu spjegat fix-xiehda dettaljata tieghu quddiem l-ewwel Qorti, huwa evidenti li huwa wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu indipendentement minn x'seta' haseb Dr. Scerri. Kwantu ghall-mod kif wasal biex iqabbel il-gerha fuq id l-appellant mas-sinna tal-vittma, huwa ta spjegazzjoni fix-xiehda tieghu u gie mistoqsi fit-tul dwar dak kollu li ghamel.

L-appellant jissottometti wkoll illi meta wiehed ikun qed jaghmel komparazzjoni bejn gerha u s-sinna li possibilment tkun ikkagonatha, iridu jittiehdu in konsiderazzjoni s-segwenti:

"Meta jkollok gerha minn gidma ta' sinna, il-gerha mill-ewwel johrog id-demm minnha. Mill-ewwel jibda dak li jissejjah il-'healing process'. Il-gnub tal-gilda jibdew jinghalqu aktar lejn xulxin, b'hekk li x-'shape' tal-ferita titbiddel. Ix-'shape' fil-ferita ghalhekk, malli jibda jghaddi l-hin, iqarraq, u l-forma li tkun qed tara ma tirriflettix dak l-oggett li jkun ikkagunaha originarjament.

L-awturi fil-qasam ta' l-odontologija jghidu li ezamijiet ta' komparazzjoni m'ghandhomx isiru jekk tkun ghaddiet aktar minn siegha. Dan ghaliex (u specjalment fi griehi ta' natura superficjali) din mal-ewwel tibda tinghalaq u titbiddel fil-forma. Ghalhekk, ghalkemm gerha tkun hemm ghadha qed tidher, jekk wiehed jikkomparaha, din ser taghtik rizultat li jqarraq. Professur Galea donnu qabel li l-awturi jghidu hekk, pero`, ikkwalifikaha ghal wara erbgha u ghoxrin (24) siegha u mhux siegha. Pero`, wiehed ghandu jiftakar li l-ezami fuq driegh Gianni Borg sar fuq tletin (30) siegha wara l-allegat incident.

Meta s-sinna tigdem il-gilda, il-gilda hi bhal 'jelly', u ma hix 'steady'. Il-gilda hija 'highly elastic material' u peress li

allura tiggebbed din ma tirritjenix ix-'shape' ezatt ta' l-oggett li t kun laqtitha. Meta s-sinna tigdem f'materjal solidu, bhal bicca gobon cheddar, l-'imprint' tal-gidma jkun ta' l-istess 'shape' tas-sinna jew snien, li tkun gidmet il-gobon.

Meta l-odontologu jiehu 'impressions' minn fuq il-gilda biex jiehu l-forma tal-gerha, peress illi l-gilda ticcaqlaq ghax irid isir daqsxejn 'pressure', minimu kemm hu minimu biex din il-forma tittiehed, ikun hemm 'distortion' tax-'shape' fuq il-gilda. 'For any pressure slight as it may be, moves the skind, and therefore the shape changes, unlike what happens when the imprint is taken from something solid'.

Fattur iehor importanti hu d-'dragging effect', ghaliex meta s-sinna tigdem, ir-rejazzjoni ta' min jigi migdum hu, mhux li biss jghid 'ah!' ghax ikun qed iwegga', izda wkoll li jigbed idu u allura s-sinna thalli dak id-'drag' fuq il-gilda. Ghandu jinghad illi f'dan il-kaz ma nstab l-ebda 'dragging' fuq id jew driegh l-akkuzat. Fattur li anke l-Professur Galea stess, fix-xiehda tieghu, qal li hass li kellu jsib, imma ma sabx.

Fattur iehor importanti, hu li wiehed jezamina jekk mas-sinna li tkun gidmet jinstabx 'tissue' jew demm. F'dan il-kaz, mill-kontro-ezami, hareg li dan ma nstabx mas-sinna ta' Balzan.

Il-Professur Galea kkonkluda 'Balzan gidem driegh Borg, meta Borg kien qieghed warajh'. Bir-rispett, tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, u tenut kont il-posizzjoni ta' fejn kienu l-feriti fid-driegh Borg, huwa ferm improbabbli dak li qieghed jghid l-istess espert u dank if jigi muri waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Il-Professur Galea kkonkluda wkoll li l-gidma saret meta Balzan kien minghajr id-dentatura. Pero`, minn ritratti li gew murija lilu waqt il-kors tal-guri ta' Paul Balzan kif instab mill-Pulizija, hu stess, bil-gurament stqarr li skond dak li qed jara fir-ritratti, Balzan kien liebes id-dentatura."

Il-perit tekniku gie kkonfrontat bil-punti kollha msemmijin hawn fuq waqt il-kontro-ezami u ta l-ispjegazzjonijiet kollha li deherlu mehtiega fir-rigward. Naturalment kien ghall-gurati mbaghad biex jevalwaw dawn l-ispjegazzjonijiet, biex jiddeliberaw dwar ix-xiehda kollha li ta l-Professur Galea u jiddeciedu dwar l-importanza o meno li kellhom jaghtuha. Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:

**"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill**]**, ghandha tigi ordnata perizja."**

Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[1], *"whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both"*. Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet *R. v. Bonython* (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[2], King C.J. qal:

**"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the *voir dire* of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies…. Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion….**

1 Para. F10.3 pagna 2120.
2 Para. 10-65 pagna 1234.

**If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the *voir dire* in order to make a finding as to those qualifications…."**

Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt **"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"** (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux *forensic odontologist* u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl-odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco** moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.

Konsegwentement it-talba ghan-nomina ta' odontologu jew odontologi hija michuda.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra issa l-aggravju ta' l-appellant li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Taht dan l-aggravju l-appellant ghandu diversi lmenti li sejrin jigu kkunsidrati kif esposti fir-rikors ta' appell tieghu.

Qabel xejn pero` tippremetti illi f'dan il-kaz il-guri dam mill-1 ta' Gunju 2000 sal-21 ta' Gunju 2000 u, bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection …. Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.

L-ilmenti ta’ l-appellant huma s-segwenti:

(1) “… id-difiza ma taqbilx ma’ l-interpretazzjoni li tat l-istess Qorti ghal dik li hija l-figura tad-delitt ta’ l-offiza gravi segwita bil-mewt. L-ezempju li gabet il-Qorti, indubbjament ta lill-gurija x’tifhem li dan id-delitt hu wiehed li jista’ jigi kommess b’cajta bejn it-tfal u li m’ghandux fih innifsu s-serjeta` li fil-fatt ghandu. Inoltre, l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-ispjegazzjoni taghha ta’ l-intenzjoni specifika fl-omicidju volontarju, ma dahlitx biex tfiehem illi din l-intenzjoni trid tkun manifestata b’xi att illi jkun qieghed juri l-istess animu doluz, il-Qorti meta dahlet biex tispjega l-ferita gravi u l-intenzjoni necessarja, li l-intenzjoni tal-ferita gravi segwita bil-mewt tista’ tkun semplicement tingiza u kompliet biex taghti l-ezempju ta’ zewgt itfal fejn wiehed niggez lill-iehor bil-pinna u l-iehor miet wara b’xi septicimia. Veru li dak ukoll jista’ jikkostitwixxi ferita gravi segwita bil-mewt, pero` lanqas m’ghandu wiehed jaghti l-impressjoni li ferita gravi segwita bil-mewt hi biss haga frivola hekk. Fl-ebda hin jew stadju iehor fl-indirizz ma nghatat l-impressjoni li xi haga aktar serja tista’ tikkostitwixxi dan ir-reat ukoll, bhal per ezempju jekk A jimbotta lil B, B jaqa’ u jiffrattura rasu u jmut, dan jista’ jikkostitwixxi ferita gravi segwita bil-mewt. Anzi biex nghata l-ezempju ta’ x’inhu omicidju volontarju u l-intenzjoni rikjesta, inghata l-ezempju ta’ A li jimbotta lil B it-tarag u B jmut. Dawn iz-zewg ezempji, bir-rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, mhumiex l-aktar ezempji felici taz-

zewg reati rispettivament, u jistghu jizgwidaw b'mod li jgeghlu l-gurat jahseb li fil-ferita gravi segwita bil-mewt, l-intenzjoni hi biss ta' hsara minima, li minnha qatt ma wiehed jista' jobsor li jirrizulta l-mewt, waqt li l-intenzjoni specifika indiretta fl-omicidju volontarju tista' tkun f'kull azzjoni li ggib il-hsara, u li anke jekk remotament, wiehed jista' jmut b'rizultat ta' tali azzjoni (per ezempju timbotta lil xi hadd it-tarag) dan hu hati ta' omicidju volontarju."

Kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-ewwel Qorti spjegat lill-gurati b'mod korrett l-elementi ta' l-omicidju volontarju u anke kif "il-hsieb li ghandu f'mohhu dak li jkun, tista' jekk tasal biex tiddesumieh, mic-cirkostanzi u mill-provi li jirrizultaw materjalment." Hija spjegat ukoll id-differenza bejn l-intenzjoni pozittiva diretta u l-intenzjoni pozittiva indiretta. L-ezempju ta' min jimbotta persuna t-tarag inghata meta kienet qed tigi spjegata l-intenzjoni pozittiva indiretta:

**"Mela jekk jiena per ezempju, halli naghti ezempju estrem issa ghandi persuna u qieghda f'tarf, fejn naf jiena, f'tarf ta' tarag per ezempju, u jiena nimbuttaha lil dik il-persuna u naf li dik il-persuna b'dik l-imbuttatura jekk taqa' t-tarag tista' titgerbeb per ezempju u tmut dik il-persuna – araw intom jekk persuna titgerbeb it-tarag b'mod li tista' tmut dik il-persuna – jiena qieghed nara li b'dak li qed naghmel nista' nikkawza l-mewt u jiena nghid le dik il-persuna jiena ma rridx noqtolha – pero` xorta rrid naghmel dak li qed naghmel, xorta rrid effettivament nimbuttaha, dik daqs li kieku ridt noqtolha lil dik il-persuna – dik hija l-intenzjoni pozittiva indiretta – nerga' nirripetilkom l-intenzjoni pozittiva indiretta hija meta jiena nara l-mewt bl-ghemil li qed naghmel, jiena ma rridx l-mewt pero` rrid xorta nibqa' naghmel dak l-ghemil li naf li bih nista' ngib il-mewt."**

Jigifieri l-ewwel Qorti hawn enfasizzat l-element li min jimbotta irid ikun "jaf" li tali mbottatura tista' twassal ghall-mewt. Hemm bosta ezempji li setghet gabet l-ewwel Qorti izda, fid-diskrezzjoni taghha, dehrilha li kien sufficjenti li taghti dan l-ezempju li, wara kollox, huwa korrett.

Kwantu mbaghad ghall-offiza gravi segwita bil-mewt, qabel ma l-ewwel Qorti tat l-ezempju klassiku ta' tifel li, bil-hsieb li jwegga' tifel iehor, itaqqablu idu b'pinna, il-ferita tiddenilu, ikollu avvelenament fid-demm u jmut, spjegat hekk:

**"Fil-kaz tal-offiza gravi li biha tigri l-mewt, il-hsieb, l-intenzjoni li jkollok huwa mhux li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car, imma li taghmel xi hsara fil-gisem. Jekk inti ghandek il-hsieb, meta qed taghmel xi haga, li taghmel xi hsara fil-gisem – meta nghidu hsara fil-gisem jigifieri xi offiza fil-gisem, sewwa – hsara fil-gisem zghira kemm hija zghira, jekk b'rizultat ta' dik il-hsara fil-gisem il-konsekwenza naturali hija l-mewt ta' dak li jkun, il-konsekwenza naturali ta' dik l-offiza hija l-mewt ta' dak li jkun, inti ma tistax tinstab hati ta' omicidju volontarju – dan qatt ma ried joqtlu, dan qatt ma ried iqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, dan kull ma ried jaghmillu tingiza – u issa naghtikom l-ezempju ta' tingiza li twassal ghall-mewt …."**

U wara li tat l-imsemmi ezempju, qalet:

**"Mela jekk intom ma intomx soddisfatti li min qatel lil Balzan, thossu li nqatel dana, jigifieri mhux miet mewta accidentali, ma kellux il-hsieb li joqtlu jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, izda biss kellu l-hsieb li jwegghu, hi x'inhija l- (*sic*), iwegghu hafna iwegghu ftit irrelevanti, jaghmillu xi hsara fil-gisem, u b'rizultat dirett ta' dik il-hsara fil-gisem, grat il-mewt allura dak li jkun ma jwegibx aktar tar-reat ta' omicidju volontarju imma jwiegeb tar-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt, sinjuri gurati."**

Jigifieri l-ewwel Qorti ma kinitx qed tillimita ruhha ghal "tingiza" izda spjegat li dak li kienet qed tghid kien japplika ghal kwalunkwe tip ta' offiza li twassal ghall-mewt ta' persuna. Ghalhekk dak li ssottometta l-appellant li l-ewwel Qorti naqset mis-serjeta` ta' dan ir-reat bl-ezempju li tat ma jreggix.

Konsegwentement dan l-ilment huwa respint.

(2) “Bir-rispett, il-Qorti aktar tat enfazi lill-kuncett ta’ premeditazzjoni u mottiv u lill-presunzjoni illi kull bniedem irid il-konsegwenzi naturali ta’ l-att u l-agir tieghu. L-ewwel Qorti naqset illi tispjega illi fid-dottrina legali din il-presunzjoni hija biss fattur li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ma’ fatturi u cirkostanzi ohra tal-kaz.”

Din il-Qorti, wara li gharblet sew l-indirizz ta’ l-ewwel Qorti fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha, hija tal-fehma li dawn il-punti fil-fatt nghataw il-konsiderazzjoni li dik l-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha, dehrilha necessarja u dak li qalet huwa korrett. Ghalhekk dan l-ilment huwa respint ukoll.

(3) “Ghal dak li jirrigwarda x’inhu l-omicidju involontarju, il-Qorti tat ezempju illi bih skartat ghal kollox kwalsiasi sinifikat li seta’ kellu f’dan il-kaz. L-ezempju kien ta’ wiehed fuq sellum, li iehor seta’, bi traskuragni laqtu u waqa’.”

L-ewwel Qorti tat l-ezempju citat mill-appellant meta kienet qed tispjega kif l-omicidju involontarju huwa reat kompriz u involut fir-reat ta’ omicidju volontarju[3]. Pero` hija kienet diga` tat ezempju iehor ta’ omicidju involontarju meta ddistingwiet bejn reat doluz u reat kolpuz[4]. Dak li huwa importanti huwa li l-gurati jkollhom car f’mohhom x’inhu l-kuncett ta’ omicidju involontarju – li gie spjegat ben tajjeb mill-ewwel Qorti – u l-Imhallef li jippresjedi guri mhuwiex tenut li jaghti sensiela shiha ta’ ezempji.

(4) “Ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-ispjegazzjoni tal- periti mqabbad f’dan il-kaz, il-Qorti ghamlet enfazi ghal aktar minn darba sabiex il-gurija toqghod attenta fuq dawk il-provi illi jkunu rrizultawlha, u mhux dak li wiehed seta’ sema’ dwar ix-xjenza neboluza u incerta ta’ l-odontologija, rigwardanti ‘bite marks’. Fl-umli

[3] IOndirizz p. 38
[4] Indirizz p. 33

fehma ta' l-esponenti, dan kien interpretazzjoni skorretta, ghaliex anke dan il-fattur kien ferm importanti fl-apprezzament ta' dak li qal il-Professur Galea."

Mill-indirizz jirrizulta illi meta l-ewwel Qorti kienet qed tigbor fil-qosor xi provi tal-prosekuzzjoni, hija qalet: **"Araw per ezempju jekk jirrizultalkomx mill-provi cioe` minn dak li qal xi xhud – li hemm hafna incertezzi fix-xjenza dwar il-bitemarks – dwar kif il-gilda tiggebbed jew ma tiggebbidx – dwar kwistjoni ta' daqqa ta' sinna, dwar il-kwistjonijiet tad-dragging effects ta' sinna jew ta' gidma – araw jekk dan irrizultalkomx mill-provi, sinjuri gurati, minn dak li qal xi xhud jew humiex semplicement argumentazzjonijiet …."** Dwar dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan il-bran din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura.

(5) "Il-Qorti ppruvat taghti affidament lill-Professur Galea u fl-istess hin tghid lill-gurati illi dak li hi tikkummenta dwar fatti, huma mhumiex marbuta bihom. Il-Qorti, per ezempju, qalet illi l-gurija trid toqghod attenta meta l-Professur Galea kien qieghed jghid li Pawlu Balzan kien jidher bis-snien fir-ritratti billi qaltilhom li dan seta' kien kaz li l-espert gie mahsud, waqt li qieghed jixhed, u ma kellux bizzejjed zmien biex jirrifletti dwar ir-risposta."

Dak li qalet l-ewwel Qorti f'dar-rigward kien testwalment dan: **"Infakkarkom ukoll li anke l-espert, kwalsiasi espert per ezempju jista' jigi zgwidat b'xi haga, li hu ma jkunx ra qabel, jew jintwera lilu ghall-gharrieda per ezempju waqt li jkun fuq il-pedana tax-xhieda minghajr forsi ma jkollu l-opportunita` li jezaminaha sew, ikollok espert tal-fingerprints per ezempju u jigi muri fejn naf jiena ritratt partikolari u dak ir-ritratt tal-fingerprint ma jkunx jista' jinterpretah, per ezempju, jew jinterpretah b'mod differenti minn xi haga ohra, dik arawha intom, dik kwistjoni ta' fatt. Intom tridu dejjem tapplikaw il-bwon sens taghkom biex taslu ghal konkluzjoni ta' fatt. X'taccetta jew ma taccettawx bhala prova minn dak li qal l-espert."** Jigifieri l-ewwel Qorti ma semmietx lill-Professur Galea f'dar-rigward. Naturalment ma jistax ma jigix osservat illi waqt il-guri l-

Professur Galea ntwera ritratti ta' Paul Balzan mehudin mis-*scene of crime officer* P.C. 1024 Etienne Calleja fuq il-post tad-delitt u, fuq mistoqsijiet specifici, qal li f'dawn ir-ritratti kien qieghed jara s-snien ta' isfel filwaqt li qabel kien xehed li l-gidma jew gdim li qal li sab fuq driegh l-appellant kienu saru minn Paul Balzan meta ma kienx liebes dentatura. Dwar dan jinghad mill-ewwel illi l-Professur Galea xehed ukoll illi meta ezamina lil Paul Balzan dan ma kienx liebes dentatura u li d-dentatura aktar tard inghatatlu minn xi hadd fil-Pulizija. Mill-provi effettivament jirrizulta illi d-dentatura nstabet fuq bicca ghamara fir-residenza ta' Paul Balzan: Il-patologi stqarrew illi meta marru ghall-awtopsja, Paul Balzan ma kellux snien foloz f'halqu u kellu biss sinna wahda[5]. Mir-relazzjoni tas-*scene of crime officer* P.C. 171 Karl Glanville jirrizulta illi giet elevata dentatura minn fuq mejda f'kamra li tinfed mal-main bedroom fis-sular ta' fuq tar-residenza ta' Paul Balzan[6]. Fir-relazzjoni ta' Dottor Anthony Abela Medici hemm konferma wkoll tas-sejbien tad-dentatura[7]. L-Ispettur Mario Bonnici fix-xiehda tieghu wkoll jirreferi ghal set ta' dentatura, dentatura komplita, li ra fuq mejda kbira fis-sular ta' fuq[8]. Kuntrarjament ghal dak li qal il-Professur Galea, Dottor Mario Scerri, riprodott fuq talba tal-gurati, jghid li dak li jidher fir-ritratti in kwistjoni mhumiex snien izda *"blanching"*; huwa pero` insista li meta ezamina lil Paul Balzan fuq il-post tad-delitt, l-imsemmi Paul Balzan ma kellux dentatura artificjali f'halqu. Din il-Qorti jkollha tghid illi mill-provi m'hemmx evidenza li Paul Balzan kellu aktar minn dentatura wahda, cioe` sett wiehed. Di piu` m'hemm l-ebda evidenza li xi hadd nehhielu xi dentatura artificjali minn halqu wara li nstab mejjet gewwa daru.

Dan l-ilment qieghed ghalhekk jigi respint.

(6) "Di piu`, lanqas biss ghamlet riferenza darba ghall-fatt li huma jridu jkunu sodisfatti li l-espert ghandu din is-

5 Xiehda tal-patologi Tape 24 Side B p. 6.
6 Ara relazzjoni a fol. 243 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali; ara wkoll ritratt 96BAZ570 fil-faxxikolu fotografiku ECF2 (Vol. I).
7 Ara relazzjoni a fol. 264 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali.
8 Xiehda ta' l-Ispettur Mario Bonnici Tape 37 Side B p. 12.

sengha u hila specjali, rikjesta ghall-materja li fuqha qed jaghti opinjoni."

Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-ewwel Qorti qalet lill-gurati li:

**"dak li huwa importanti mhux il-label … imma jekk fil-fatt jirrizultax bil-mod li jkun hadem l-espert, mix-xoghol li huwa jkun precedentement ghamel f'dak il-kamp – oqoghdu attenti ghax-xoghol li jkun precedentement ghamel f'dak il-kamp, bil-mod kif ikun espelta l-inkariku lilu moghti, mill-kontenut tar-rapport, mid-deposizzjoni tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, minn dan kollu wiehed jara jekk dik il-persuna verament ghandhiex hila jew sengha specjali biex tezamina dak l-oggett u taghmel dak l-esperiment, u f'kaz li tkun tehtieg opinjoni, biex jaghti l-opinjoni. Fi kliem iehor, mhux il-label li jaghmel l-espert u jaghtih il-hila jew is-sengha specjali, izda hija l-hila jew is-sengha specjali li twassal lil dak li jkun biex ikun espert u allura jista' jissejjah b'dak il-label partikolari.**

**U dina tifhmuni sinjuri gurati hawn hekk mhux mela x'insejhu lill-espert, l-espert ikollu l-hila jew is-sengha specjali mhux skond il-label li jinghatalu imma jekk hu fil-fatt verament ghandux dik il-hila jew sengha specjali, u jekk verament ghandu dik il-hila jew sengha specjali jista' jirrizultalkom, jekk jirrizultalkom, anke minn affarijiet ohra mhux mil-label, sinjuri gurati, u jekk fil-fatt ikollu dik il-hila u sengha specjali, imbaghad jissejjah espert b'dik is-sengha u hila specjali"[9].**

U, aktar 'il quddiem fl-indirizz, jghid:

**"Ara x'hila jew sengha specjali ghandu f'dik il-materja, li tkellem dwarha, ara kif igib ruhu fuq il-pedana tax-xhieda, kif naraw issa l-istess kriterji li japplikaw fil-konfront tax-xhieda hekk imsejha ordinarji, are jekk kienx konsistenti fil-fehmiet tieghu,**

---

[9] Indirizz p. 16 - 17

**jew jekk il-fehmiet tieghu humiex imsahha mill-fehmiet ta' espert jew esperti ohra, importanti ukoll li tarawh sinjuri gurati ara jekk hemmx xi haga li tikkontradici dik il-fehma, applika l-bwon sens tieghek –wara li tkun ghamilt dan kollu jekk inti perswaz minn dak li qed jghid l-espert, allura taccetta dak li qed jghid jew il-konkluzjoni tieghu. Jekk wara li tkun ghamilt dan kollu pero` tibqa', ma intix perswaz, allura ma taccettax dak li jghid l-espert."**

Ghalhekk jidher li kull kumment iehor ikun superfluwu.

(7) "Il-Qorti ghamlet ukoll xi rimarki fuq id-difiza illi setghu jitfghu dawl f'ghajnejn il-gurati li dak li d-difiza kienet issottomettiet, ma kienx ta' min joqghod fuqu."

L-appellant ma indikax liema huma dawn ir-rimarki li qieghed jilmenta dwarhom. Ta' min ifakkar hawn illi: **"The summing-up … should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury."** Izda **"The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence …."**[10] M'hemm xejn x'jindika fl-indirizz li l-Imhallef li ppresjeda l-guri b'xi mod tbieghed minn dawn il-principji.

(8) "Il-Qorti ppruvat ukoll illi taghti xi ezempji dwar kardjologu biex tipprova tfiehem illi l-bzonn ta' odontologu mhux daqshekk indispensabbli."

Dan huwa lment fieragh. L-ezempju li gabet l-ewwel Qorti tal-kardjologu ma kienx sabiex turi li l-bzonn ta' odontologu mhuwiex indispensabbli. Hija gabet l-ezempju tal-kardjologu meta kienet qed tispjega li dak li jghid espert, il-gurati setghu jaccettawh kollu, jaccettawh biss in parti jew ma jaccettaw xejn minnu. Hekk per ezempju, ma kellhomx jiskartaw dak li jghid kardjologu dwar l-interpretazzjoni ta' ECG semplicement ghax huma ma jifhmux fl-ECG izda jekk fuq bazi ta' probabbilita` jidher li

---

[10] Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), pagni 178 – 180.

dak il-kardjologu qed ihawwad print-out ma’ ohra u allura ma jhossuhomx perswazi minn dak li qed jghid, allura setghu ma jaccettawx dak li jghid il-kardjologu[11].

(9) “Rigwardanti l-prova indizzjarja, l-interpetazzjoni illi tat il-Qorti, partikolarment l-ezempji tal-kazijiet tad-droga, ma kinux daqstant cari f’ghajnejn l-istess gurija u ma saret ebda enfasi li dawn jridu jkunu univoci.”

Dan huwa lment iehor fieragh. L-ewwel Qorti spjegat fit-tul x’inhuma provi indizjarji, tat ezempji biex turi kif *circumstances do not lie but they may deceive* (u hawn tat l-ezempju ta’ min jitwaqqaf f’roadblock u l-Pulizja jsibu droga ki kien tefaghha xi hadd gol-karrozza ta’ dik il-persuna ad insaputa tieghu), u kienet cara fid-direttiva taghha li biex il-gudikant tal-fatt jasal ghall-konkluzjoni ta’ htija minn indizju, irid jassikura ruhu li ma hemmx cirkostanzi ohra li jdghajfu jew igibu fix-xejn dik il-konkluzjoni li huwa jigbed minn dak l-indizju, cioe` li l-gudikant tal-fatt ikun moralment konvint li dik hija l-unika konkluzjoni ragjonevoli. L-ewwel Qorti spjegat lill-gurati wkoll kif kellhom jaffrontaw il-prova indizjarja u allura kif din kellha tkun univoka[12].

Konsegwentement anke dan l-ilment qieghed jigi respint.

Din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju ta’ l-appellant li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza.

L-appellant jghid illi l-prosekuzzjoni ma pproduciet l-ebda xhud okulari li seta’ jaghti hjiel ta’ x’gara gor-residenza ta’ Paul Balzan fl-1 ta’ Mejju 1996. Jikkontendi li l-prosekuzzjoni bniet sensiela ta’ suspetti u kongetturi sabiex taghti wiehed x’jifhem illi l-appellant tela’ ghal fuq il-bejt ta’ Balzan minn fond ta’ kerrejja f’Sampusa Lane fejn ommu kellha kamra li kienet ir-residenza taghha. Fir-rikors ta’ appell tieghu jaghti elenku ta’ dawn is-suspetti u kongetturi – u li ghalihom qed issir referenza. Inoltre jghid

[11] Indirizz p. 18
[12] Indirizz p. 20 – 23.

li l-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq provi indizjarji, per ezempju dawk koncernanti x-*shoe prints* u dawk rigwardanti l-feriti li kellu l-appellant fuq drieghu.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[13].

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u li jaraw jekk jaghtux affidament lic-cahda ta' l-appellant li huwa kien b'xi mod involut fir-reati addebitati lilu jew lid-diversi provi indizjarji li tressqu mill-prosekuzzjoni. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat u li

[13] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

setghu joqoghdu fuq il-provi, ankorke` indizzjarji, tal-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet. M'hemmx dubbju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. F'dan il-kaz il-punt krucjali huwa jekk il-provi tal-prosekuzzjoni kinux sufficjenti biex iwasslu ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant. Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma dawn li gejjin:

1. Fl-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija[14], l-appellant innega l-involviment tieghu izda l-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li l-gurati kellhom l-opportunita` li huma stess jaghmlu mistoqsijiet lix-xhieda u li jqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, <u>ikkonkludew li l-appellant huwa hati taz-zewg kapi ta' l-att ta' akkuza</u>.

2. Bhala fatt jirrizulta li fl-1 ta’ Mejju 1996 instab mejjet Paul Balzan gewwa r-residenza tieghu f'numru 44, Sampusa Lane, B’Kara. Fir-relazzjoni tieghu Dottor Mario Scerri kkonkluda li l-mewt ta’ Paul Balzan ma kinitx wahda naturali jew accidentali[15] u mill-awtopsja rrizulta li l-kawza tal-mewt kienet *"vagal inhibition following injury to the right carotid sheath"* [16], liema ferita, kif xehdu l-patologi, ma setghetx grat jekk Paul Balzan waqa’ t-tarag izda bi pressjoni fuq ghonq il-vittma.

---

[14] Ara Dok. EM1 u Dok. EM2 a fol. 283 sa 289 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali.

[15] Ara rapport a fol. 186 sa 209 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali.

[16] Ara rapport ta' Profs. M’Therese Camilleri, Dr. Bridget Ellul u Dr. Sarfraz Ali a fol. 251 sa 255 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali.

3. L-appellant gie mistoqsi waqt l-interrogazzjoni dwar xi grif u daqqiet friski specjalment f'idu l-leminija u qal li dawn ghamilhom fuq ix-xoghol meta mar jghin lil hatnu jgorr l-ghamara u li ma jiftakarx li habathom jew li wegga' izda li sarulu ghax habat ma' xi hajt jew xi bicca ghamara, u dan il-gurnata ta' qabel ma gie arrestat. Mill-banda l-ohra Dottor Mario Scerri ezamina lill-appellant u kkonkluda illi l-abrazjonijiet u t-tbengil li sab fuq il-persuna ta' l-appellant *"kienu maghmula ftit sieghat biss qabel l-ewwel ezami mediku tal-1 ta' Mejju"* .[17]

4. Waqt l-interrogazzjoni li saret fil-5 ta' Mejju 1996 l-interrogatur qal lill-appellant illi l-ferita li kellu f'idejh il-leminija kienet gidma ta' Pawlu Balzan u saqsieh jekk riedx jghid il-verita`. L-appellant wiegeb li mhux hu dahal u li l-ferita in kwistjoni ma kinitx gidma izda *"biss ghax hakkejtha"*. Dottor Mario Scerri kkonkluda fir-relazzjoni tieghu illi *"l-abrazjonijiet fuq l-id il-leminija (right forearm) kienu kompatibbli ma' gidma jew gdim (bite marks)"* u li *"mill-ezami mediku tal-5 ta' Mejju … sab abrazjonijiet godda madwar dawk ta' fuq l-id il-leminija li ma kinux prezenti u ma rrizultawx fl-ewwel ezami mediku ta' nhar l-1 ta' Mejju"*[18]. Jigifieri l-abrazjonjiet godda setghu kienu kompatibbli ma' hakk izda mhux kompatibbli wkoll ma' dak li gie osservat mit-tabib forensiku fl-ewwel ezami tieghu ta' l-appellant.

5. Il-Professur Hector Galea kkonkluda hekk fir-relazzjoni tieghu :

"1. Tliet marki fil-ferita ta' driegh il-lemini ta' John Borg kienu jikkonformaw ma daqqiet u grif (abrasions) li taghmel sinna ta' bniedem.
2. Il-marki fid-driegh ta' John Borg jaqblu mal-impront li thalli t-tieni sinna premolari ta' isfel fuq ix-xellug (is-sinna 35) ta' Paul Balzan.
3. Gdim (ta' l-inqas tliet gidmiet) minn Paul Balzan kienu kkawzaw il-ferita ta' John Borg.

[17] Ara relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri a fol. 225 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali.
[18] Ara relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri a fol. 225 – 226 *ibidem*.

4. Id-dentaturi merfugha mill-post tad-delitt kienu jigi lil Paul Balzan izda dawn ma kinux f’halqu meta gidem lil Borg.
5. Balzan gidem driegh Borg meta Borg kien qieghed warajh”[19]

6. Fir-rigward tal-konkluzjonijiet tal-professur Hector Galea ssir referenza ghal dak li ntqal qabel f’paragrafu (5).

7. Fuq il-kadavru, vicin il-kadavru u sahansitra sa fuq il-bejt tar-residenza ta’ Paul Balzan u mal-hajt divizorju ta’ fuq il-bejt kif ukoll fuq il-passagg id-dejjaq tal-post tan-naha tax-xellug u fuq il-bejt tal-kerrejja fejn kienet tirrisjedi omm l-appellant instabu shoeprints[20].

8. L-appellant jilmenta dwar dak li jsejjah kongetturi li ghamlet il-prosekuzzjoni dwar ix-shoeprints. Jghid illi shoeprint ma tistax tigi datata u kwindi wiehed ma jistax jghid meta tkun saret. Jghid illi jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, wiehed jikkoncedi li x-shoeprints saru fiz-zmien ta’ l-incident, dan xorta ma jfissirx li l-provi li gabet il-prosekuzzjoni jikkonkludu li l-appellant ghamel dawk ix-shoeprints: meta gie arrestat, il-qiegh taz-zarbun li kien liebes ma kellu x’jaqsam xejn mad-disinn tax-shoeprints li nstabu ghand Pawlu Balzan; l-appellant qatt ma qal illi huwa ma kienx xtara xi “slipper” izda li ma kienx xtara f’dawk l-ahhar gimghat u fil-fatt l-ebda ircevuta ma nstabet fit-tliet gimghat li Mario Borg qal li kien biegh dak is-“slipper” u ghalhekk wiehed jifhem ghaliex ma gewx esebiti r-rollijiet ta’ l-ircevuti; il-Pulizija gabru zewg pari zraben ta’ ghamla ohra li skond l-Ispettur Bonnici kellhom il-qiegh bl-istess disinn u ghalhekk wiehed jifhem ghaliex dawn ma gewx esibiti; anke kieku l-appellant kien xtara dan it-tip ta’ zarbun, dan ma kienx uniku ghalih u mill-provi rrizulta li gew importati hafna bhalhom; id-daqs taz-zarbun ta’ l-appellant ma kienx l-istess bhal dak misjub fil-fond ta’ Paul Balzan – fir-relazzjoni tieghu Dottor Anthony Abela Medici jghid li d-daqs kien 42 mentri z-zarbun li ghadda

[19] Ara relazzjoni tal-Professur Hector Galea a fol. 232 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali.
[20] Ara relazzjoni ta’ l-A.I.C. Richard Aquilina a fol. 136 – 147 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali u relazzjoni ta’ Dottor Anthony Abela Medici a fol. 259 - 276 ta’ l-atti tal-Qorti Kriminali, kif ukoll xiehda ta’, fost ohrajn, l-A.K. John Rizzo.

Mario Borg kien ta' daqs 43 imbaghad Dottor Abela Medici, li xehed wara li kien kellem lill-Assistent Kummissarju John Rizzo (wiehed mill-investigaturi f'dan il-kaz), qal illi d-differenza bejn dawn is-sizes kienet minima. L-appellant ghalhekk isostni li din il-prova indizzjarja qieghda tqarraq u ma twassal imkien.

Dak li jirrizulta lil din il-Qorti huwa s-segwenti:

Fl-istqarrija tieghu tat-3 ta' Mejju 1996 l-appellant gie mistoqsi dwar slipper li tqattaghlu u iehor li xtara recentement. Il-partijiet rilevanti li ngabu a konjizzjoni tal-gurati huma s-segwenti:

"M: Nghid sewwa li inti kellek slipper u tqattalek madwar gimgha ilu?
R: Ilu aktar.
M: Ghaliex m'ghidtlix bih?
R: Ghax ilu li tqatta'.
M: Il-Pulizija saret taf li inti kellek wiehed u tqattalek il-gimgha li ghaddiet, allura dan mhux veru?
R: Ilu aktar minn gimgha li kelli wiehed.
M: Nghid sewwa li inti meta tqattalek dan is-slipper, inti xtrajt iehor u dan kien xi gimgha ilu?
R: Le Sir. Ili ma nixtri slipper.
M: Allura mhux veru li inti hadt slipper gdid id-dar il-gimgha li ghaddiet?
R: Le Sir ma hadtx slippers, ilu ma jkolli wiehed, bis-safety shoes qed inkun.
M: Allura jekk nurik l-ircevuta, xi tghid?
R: Nghid li mhux veru, ghax mhux jiena.
M: Ma jkunx ahjar jekk tghidilna x'ghamilt bih dan is-slipper?
R: Ma nafx bih, ilu ma jkolli slipper."

Fl-istqarrija tal-5 ta' Mejju 1996 imbaghad insibu din il-mistoqsija u twegiba:

"M: Tista' tghidilna x'sar minnu l-papocc ta' kulur abjad li xi hadd qalilna li xtrajt minghand Borg's madwar hmistax ilu?
R: Ma niftakarx li xtrajt papocci hmistax ilu."

Mario Borg pero` xehed illi l-appellant kien mar jixtri minghandu bejn gimghatejn u tlieta qabel l-1 ta' Mejju 1996 u xtara slippers bil-wicc tal-canvas size 43. Huwa ta lill-Pulizija par slippers li qal huma l-istess bhal dak li kien biegh lill-appellant izda seta' kien hemm differenza fis-size. Il-Pulizija talbuh r-roll ta' l-ircevuti izda meta xehed qal li m'ghandux ideja li tahielom lill-Pulizija[21].

L-Assistent Kummissarju John Rizzo kkonferma fix-xiehda tieghu li Mario Borg kien ikkonsenjalu par slippers size 42 li kien bhal dak li kien biegh lill-appellant f'size 43[22].

Jigi osservat illi fl-istqarrija tal-5 ta' Mejju 1996 l-appellant gie mistoqsi x'size ta' zarbun jilbes u huwa wiegeb li jilbes "size 42".

Mir-relazzjoni ta' Dottor Anthony Abela Medici, P.S. 4 John Charles Ellul u P.S. 673 Joseph Mallia, jirrizulta illi dawn ghamlu ezamijiet komparattivi bejn id-disinn tal-qiegh tas-slippers li kien ghadda lill-Pulizija Mario Borg u d-disinn li nstab fuq ix-xena tad-delitt u sabu li dawn kienu identici kemm fil-pattern kif ukoll fid-daqs (size 42). Mix-xiehda taghhom jirrizulta illi s-slippers in kwistjoni kienu maghmulin bhala mould u ghalhekk il-pattern ha jkun identiku fi kwalunkwe zarbun li se ssib fil-pozizzjoni u l-forma sakemm ikun ta' l-istess daqs approssimattiv, hekk li f'pattern size ta' 42,43 "il-pattern ha jkun identiku". Dottor Abela Medici qal ukoll li fil-partijiet fejn il-pattern kien car, ma rawx evidenza ta' xi *wear and tear* fuq il-marki[23]. Spjega wkoll illi fil-kaz ta' hafna *sports shoes* jaghmlu mould wiehed tal-qiegh li jkun jiffittja zewg sizes, 40 mal-41, 42 mal-43 u 44 mal-45[24], li d-differenza bejn size u iehor hi fit-tul u dan b'xi 0.6 ta' centimetru[25]. Huma kkonfermaw pero` illi l-komparazzjoni bejn it-transparency tas-slipper l-gdid mad-dok 96BAZ400 elevata minn fuq ix-xena tad-delitt (li pero` ma turix il-ponta tax-shoeprint)

---

21 Ara Tape 28 Side A p. 9 – 13 u Tape 27 Side B p. 1 – 10.
22 Ara Tape 48 Side B p. 5 – 6.
23 Ara Tape 30 Side A p. 2 – 3.
24 Ara Tape 30 Side A p. 6.
25 Ara Tape 31 Side B p. 11.

huma identici[26]. Dottor Abela Medici kkonferma li meta kien qieghed jirrevedi x-xoghol tieghu ma' l-esperti l-ohra, P.S. Ellul semma' li l-appellant seta' kien jilbes size 43 u ghalhekk mar isaqsi lill-AC Rizzo dwar is-size taz-zarbun biex jiccekkja l-affarijiet[27]. Dan wasslu biex jezamina mill-gdid ix-xoghol li kien ghamel u jaghmel ftit ta' ricerka sabiex ikun f'pozizzjoni li jaghti l-ispjegazzjonijiet necessarji ghax ma riedx jizgwida lill-Qorti. Fuq mistoqsija ta' wiehed mill-gurati jekk kienx jaghmel din ir-ricerka li kieku gie nfurmat li s-size kien 42, Dottor Abela Medici wiegeb skjettament fin-negattiv[28]. Fuq dan il-punt l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal korrettement lill-gurati li **"ma hemm xejn hazin fil-ligi li espert – u anke xhud ordinarju – jigi preparat, halli naghmluha cara, l-importanti huwa li x-xhud, meta jkun qed jixhed, inkluz anke l-espert, jghidilkom dak li huwa genwinament, sa fejn jasal hu, sa fejn tasal in-knowledge tieghu, sakemm tasal il-kapacita` tieghu, jifhem. X'taccettaw intom minn dak li jghid l-espert dik hija kwistjoni taghkom …."**

Dan ifisser illi l-gurati setghu accettaw li Mario Borg verament biegh slippers lill-appellant, u li jew li s-size kien wara kollox size 42 u mhux size 43; altrimenti li, ghalkemm kien bieghlu size 43, accettaw l-ispjegazzjoni li taw l-esperti dwar il-manifattura ta' dawn is-slippers.

9. Fl-istqarrija tat-3 ta' Mejju 1996 l-appellant qal li ma kienx sema' biex miet Pawlu Balzan. L-Ispettur Mario Bonnici xehed li meta kien fil-kerrejja qed ikellem lil Ganna Borg, saqsiha kellhiex tfal u wiegbet li ma kellhiex ghax kienet xebba izda ftit minuti wara dahal l-appellant li ndirizzaha b'"Ma". Huwa saqsa lill-appellant jekk kienx jaf lill-mejjet u dan wiegbu li ma kienx jaf li kien joqghod f'dak il-post u qatt qabel ma kien rah. Aktar tard pero` avvicina lill-appellant u saqsieh: "Kollox sew, my friend?" u, skond l-Ispettur Bonnici, l-appellant wiegbu: "Jiena kollox sew, imma dan li qed taghmlu intom huma kollha xowwijiet

---

[26] Ara Tape 31 Side B p. 11.
[27] Ara Tape 33 Side A p. 10 – 12.
[28] Ara Tape 34 Side A p. 8 – 9.

ghax dan kull ma gara, ix-xi waqa’ t-tarag, habat rasu u miet”.

10. L-appellant isostni li mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod illi min dahal, dahal biex jisraq. L-interrogattivi li jaghmel certament tqajmu wkoll waqt il-guri. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, pero`, hemm provi bizzejjed li juru li kien hemm persuna ohra fir-residenza ta’ Paul Balzan meta nqatel, hemm provi li juru li kien hemm “kollutazzjoni” ma’ din il-persuna, u hemm provi wkoll li jindikaw li kien hemm xi taqlib fl-istess residenza. Jekk ma nsteraq xejn hu biss rizultat tal-fatt li min dahal x’aktarx tfixkel f’ghemilu mill-istess Paul Balzan.

11. Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid li gie pruvat li kien “imlahlah” u kien ilu jixrob. Dan pero` hu kontradett minnu stess fl-istqarrija tieghu tat-3 ta’ Mejju 1996 meta, mistoqsi jekk kienx xorob hafna dakinhar tad-delitt, l-appellant wiegeb li xorob ftit birra “pero` kont f’sikti. Jiena mdorri nixrob”.

12. Minn dan kollu, u wara li din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, hija tal-fehma li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjonijiet li waslu ghalihom.

Ghaldaqstant l-aggravju fil-mertu huwa michud.

Dwar il-piena l-appellant jilmenta li, tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din hija eccessiva u “setghet tinghata fil-*minimum* taghha”.

Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[29].

---

[29] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

F’dan il-kaz m’hemm l-ebda dubju li l-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi. L-ewwel Qorti, wara li osservat li l-fatt li jammonta ghar-reat fl-ewwel kap huwa l-istess fatt li jikkostitwixxi l-aggravju ta’ vjolenza fir-rigward tat-tentattiv ta’ serq fit-tieni kap, iddikjarat lill-appellant hati biss skond it-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza fejn il-prosekuzzjoni kienet qed titlob piena ta’ prigunerija minn minimu ta’ seba’ snin sa massimu ta’ ghoxrin sena bir-rekluzjoni. Effettivament, fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ewwel Qorti nfliggiet piena ta’ prigunerija ta’ erbatax-il sena. U din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-*quantum* tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b’dan li l-perijodu ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------